# Il-5 Sena

# Festi Pubbliċi u Nazzjonali f'Malta



Qari K2: Dak li naqra nifhmu ... inwieġeb mistoqsijiet diretti u inferenzjali.

F'Malta għandna festi nazzjonali li jfakkru ġrajjiet importanti li għaddiet minnhom Malta. Iżda għandna wkoll festi li għandhom x'jaqsmu ma' qaddis u jissejħu festi pubbliċi. ( paragrafu 1)

L-10 ta' Frar hi l-festa pubblika ta' San Pawl Nawfragu. Dakinhar niftakru li kien permezz tal-miġja ta' San Pawl fostna li daħlet il-fidi Nisranija f'Malta. Din il-festa tiġi ċċelebrata ġewwa l-Belt Valletta. (paragrafu 2)

Id-19 ta' Marzu hi l-festa pubblika ta' San Ġużepp. Din tiġi ċċelebrata ġewwa r-Rabat Malta. Il-31 ta' Marzu hi l-festa nazzjonali ta' Jum il-Ħelsien. Fiha nfakkru meta l-aħħar suldati Ingliżi telqu minn Malta għalkollox. (paragrafu 3)

L-1 ta' Mejju hi l-festa pubblika ta' Jum il-Ħaddiem. Dan il-jum ifakkar il-ħaddiema u jiġi ċċelebrat f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja. Ġieli jsiru protesti biex iwasslu messaġġi ta' kundizzjonijiet aħjar fuq ix-xogħol. (paragrafu 4)

Is-7 ta' Ġunju hi festa nazzjonali fejn infakkru l-protesta li għamlu erba' eroj Maltin minħabba li l-prezz għoli tal-ħobż u l-faqar li kien hawn. Dawn kienu nqatlu mis-suldati Ingliżi fil-Belt Valletta.

(paragrafu 5)



Id-29 ta' Ġunju hi l-festa pubblika tal-Imnarja. Hi ddedikata għal San Pietru u San Pawl u ssir ġewwa l-Imdina u fin-Nadur. Iżda għal ħafna Maltin din il-festa tfisser ċelebrazzjoni ta' folklor bil-wirja ta' prodotti agrikoli, tal-bhejjem u għana tradizzjonali li jsir fil-Buskett. (paragrafu 5)

Il-festa pubblika ta' Santa Marija li tiġi fil-15 t'Awwissu tfakkar id-dħul tal-konvoj ta' Santa Marija fil-Port il-Kbir waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Dan kien qed iġorr ikel u armi. (paragrafu 6)

It-8 ta' Settembru hi festa nazzjonali. Magħrufa bħala l-Vitorja għax fiha nfakkru r-rebħa tal-Maltin u l-Kavallieri fuq it-Torok waqt l-Assedju l-Kbir fis-sena 1565. Jum l-Indipendenza jiġi fil-21 ta' Settembru. Din hi festa nazzjonali li tfakkar meta l-Maltin ingħataw l-Indipendenza mill-Ingliżi u bdew imexxu lil Malta waħedhom. (paragrafu 7)

It-8 ta' Diċembru hi festa pubblika. Tiġi ċċelebrata l-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni ġewwa Bormla. Jum ir-Repubblika jiġi fit-13 ta' Diċembru. Din hi festa nazzjonali. Dakinhar niftakru meta l-Parlament Malti talab li Malta ssir Repubblika u li l-Kap tal-Istat Malti jkun il-President u mhux il-Gvernatur Ingliż. (paragrafu 8)



Photo: DOI - Clifton Fenech

**A. Immarka Veru jew Falz.**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | San Ġużepp daħħal il-fidi Nisranija f'Malta. | | |
| 2. | Fl-Imnarja jkun hemm wiri ta' prodotti agrikoli u bhejjem fil-Baħrija. | | |
| 3. | Jum ir-Repubblika jiġi f'Diċembru. | | |
| 4. | Fit-8 ta' Settembru tiġi ċċelebrata l-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni. | | |

**B. Qabbel naħa m'oħra permezz tan-numri.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Vitorja | | L-1 ta' Mejju |
| 2. | Jum il-Ħaddiem | | It-8 ta' Settembru |
| 3. | Jum ir-Repubblika | | Il-21 ta' Settembru |
| 4. | L-Imnarja | | It-13 ta' Diċembru |
| 5. | Jum l-Indipendenza | | Id-29 ta' Ġunju |

**Ċ. Wieġeb.**

1. Meta tiġi l-festa ddedikata lil San Pietru u lil San Pawl?

2. X'festa jiċċelebraw ġewwa Bormla?

3. X'jiġri fl-1 ta' Mejju f'ċertu pajjiżi?

4. X'kien qed iġorr il-konvoj ta' Santa Marija?